3 ta' Frar, 1950

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D. *Pres.*
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Neg. Carmelo Cheteuti et. *versus* Neg. Costantino Balzan et.

**Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Transazzjoni — Kompensazzjoni — Rinunzja — Art. 2238, 2218 (2) u 2214 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma għandhomx l-effikaċja li jinterrompu l-preskrizzjoni, jew l-effikaċja ta' rikonoxximent tad-dejn; għaliex proposti simili jsiru mingħajr preġudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti.*

*Imma l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni timporta rikonjizzjoni tad-dejn, u dan'ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja għall-preskrizzjoni li tkun ġà kompjuta.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, fejn l-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu £299. 15. 11, prezz ta' mitt majjal mibjugħin u konsenjati lill-konvenut fil-15 ta' Diċembru 1932 skond il-kont mehmuż mat-taħrika. Bl-imgħax kummerċjali mill-jum tal-konsenja, u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-7 ta' April, 1949, li biha ġiet milqugħa t-talba, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mill-perizja u provi li saru, it-talba ġiet ġustifikata soddisfaċentement, u rriżulta li l-kont tal-mitt majjal in kwistjoni ma kellux x'jaqsam mas-soċjetà li kien hemm bejn il-partijiet, għax il-majjali ma kienux tas-soċjetà;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Maria Stella Balzan nomine, u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi konsegwentement it-talba attriċi tiġi miċħuda bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti nomine fil-petizzjoni ġiebet il-quddiem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin kontra t-talba kon-

tenuta fiċ-ċitazzjoni. Din it-talba hija għall-ħlas ta' £299. 15. 11; prezz ta' mitt majjal miġjugħ lill-konvenut fil-15 ta' Diċembru 1932; il-preskrizzjoni applikabili hija dik ta' ħames snin prevista mill-aħħar paragrafu ta' l-art. 2261 tal-Kodiċi Ċivili. Billi mill-ġurnata li sar il-bejgħ sal-15 ta' Jannar 1941, ġurnata li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, kienu għaddew wisq iżjed minn ħames snin, il-preskrizzjoni invokata tinsab kompita, jekk fl-intervall jew wara ma ġietx interrotta jew rinunzjata mingħajr ma reġgħet għalqet;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut, fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet fol. 5, qal li minn konteġġi li għandhom isiru bejn il-kontendenti dwar assoċjazzjoni għal xiri u bejgħ ta' laħam għandu jirriżulta, kif huwa jippretendi, li l-attur hu debitur tiegħu; u kompla jgħid li b'ċitazzjoni preżentata dak in-nhar (nru. 34 ta' l-1941) huwa talab il-likwidazzjoni ta' dik is-soċjetà u l-ħlas tal-bilanċ lilu dovut. Fid-dikjarazzjoni (fol. 6) preżentata ma' l-imsemmija nota ta' l-eċċezzjoni, il-konvenut qal li mhux debitur; u li bejn il-kontendenti kien hemm soċjetà għal xiri u bejgħ ta' laħam, u mill-likwidazzjoni tagħha huwa joħroġ kreditur ta' l-attur, anki meta jsir il-konteġġ tal-valur ta' kwalunkwe majjali lilu kunsinjati. Elia Borg, li b'digriet tas-16 ta' Diċembru 1943 ġie nominat kuratur ta' l-eredità ġjaċenti ta' Carmelo Chetcuti, attur f'din il-kawża, ġie interessaq bħala xhud f'din l-istanza u x-xhieda tiegħu tinsab miġjuba fil-fol. 55 tal-proċess fl-ismijiet maqlubin, numru 34 ta' l-1941. Huwa qal li fil-pendenza tal-kawża beda jidher għall-interess ta' Chetcuti wara li dan miet. Qal ukoll li Balzan kien ipproppona li jħallas nofs l-ammont reklamat in linea ta' transazzjoni, u spiċċa biex qal li Balzan ammetta miegħu li għandu jagħti £300 tal-majjali, però kien jippretendi li kien kreditur minn kontijiet oħra;

Ikkunsidrat;

Illi kwalunkwe offerta li setgħet saret mill-imsemmi Balzan in linea ta' transazzjoni ma setgħetx kellha l-effikaċja li tinterrompi l-preskrizzjoni, jew li tiġi ritenuta bħala rikonoxximent tad-debitu, billi huwa magħruf li offerti u proposti simili jsiru dejjem mingħajr preġudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher min-nota ta' l-eċċezzjoni u mid-dikjarazzjoni fuq miġjubin, tal-konvenut, jidher ċar li huwa ma jikkontestax li rċieva u ħa l-majjali li l-prezz tagħhom huwa reklamat biċ-ċitazzjoni preżenti; iżda jippretendi li wara li jsiru l-kontegġi bejn il-partijiet huwa johroġ kreditur ta' l-attur, anki meta jsir il-kontegġ tal-valur ta' kwalunkwe majjali lilu konsenjati. Max-xhud Elia Borg il-konvenut sostanzjalment qal l-istess ħaġa, jiġifieri ammetta li għandu jagħti £300 tal-majjali, però kien jippretendi li kien kreditur minn kontijiet oħra. Fi kliem ieħor, il-konvenut kien isostni li l-kreditu reklamat ġie kompensat fl-entranti kwantità ma' kreditu ieħor f'ammont akbar pretiż mill-istess konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi l-preskrizzjoni tiġi nterrotta jekk id-debitur jagħraf id-dritt tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni tkun miexja (art. 2238 tal-Kodiċi Ċivili); u kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re bis-sentenza tat-30 ta' Mejju 1919 in re "Francalanza et. vs. Huber ne. et." (Kollez. Vol. XXIV, Parte II, pag. 43), "colui che eccepisce la compensazione non potrebbe farlo senza riconoscere il credito compensabile o compensato". Għalhekk, in bażi ta' dak li ntqal fuq, għandu jiġi ritenut li l-konvenut irrikonoxxa l-kreditu reklamat, u b'dan ir-rikonoxximent il-preskrizzjoni, li kienet ġà kompjuta, ġiet rinunzjata (art. 2213 (2) u 2214 tal-Kodiċi Ċivili);

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet miġjubin fis-sentenza appellata, id-domanda miġjuba biċ-ċitazzjoni tirriżulta ġustifikata;

Għaldaqshekk;

Wara li tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali, opposta mill-appellanti Maria Stella Balzan nomine, bl-ispejjeż kontra tagħha, tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-imsemmija appellanti nomine.